MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 251/2011

**Ian u Jacqueline konjugi Busuttil**

**vs**

**Carmen Taliana**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tal-11 ta' Marzu 2011 li jghid hekk:

1. Illi r-rikorrenti permezz ta' kuntratt pubbliku datat sebgha u ghoxrin (27) ta' April 1999 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani, akkwistaw minghand l-intimata l-ishma kollha li l-intimata kellha fis-socjeta Kashmiri Palace Limited u kontestwalment mal-istess huma iffirmaw att

pubbliku iehor quddiem l-istess Nutar Anthony Grech Trapani fejn r-rikorrenti obbligaw ruhhom illi jhallsu lill-intimata l-ammont ta' tnax-il elf u seba' mitt lira Maltin (Lm12,700) (ekwivalenti ghal €29,583.04c) rapprezentanti ammont li ghaddiet l-intimata lir-rikorrenti sabiex huma bdew dana n-negozju li kien konsistenti f'negozju ta' hwejjeg tan-nisa bl-isem "Carmen's Boutique" gewwa 335 Manwel Dimech Street, Sliema;

2. Illi permezz ta' sentenza datata sittax (16) ta' Frar 2004 moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "Ian u Jacqueline konjugi Busuttil vs Carmen Taliana" liema sentenza hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "IB1", ikkonfermat dak li kienet iddecidiet l-Ewwel Qorti fejn din laqghet it-talba tal-atturi sabiex iz-zewg atti pubblici su-riferiti jigu ddikjarati nulli u bla effett u ordnat ir-rexissjoni tal-istess flimkien mar-rifuzjoni ta' tnax-il elf lira Maltin (Lm12,000) (ekwivalenti ghal €27,952.48c) li kienu hallsu r-rikorrenti lill-intimata flimkien mal-imghax legali u l-ispejjez u dana minhabba frodi civili kommess mill-intimata Carmen Taliana;

3. Illi b'sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-23 ta' Frar 2004 fl-ismijiet "HSBC Bank Malta p.l.c. vs Kashmiri Palace Limited u Ian u Jacqueline konjugi Busuttil", liema sentenza hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "IB2", il-Bank HSBC gie kanonizzat kreditur tas-socjeta Kashmiri Palace Limited fis-somma ta' sittax-il elf disa' mija u ghaxar liri Maltin u erbatax-il centezmu (Lm16,910.14c) (ekwivalenti ghal €39,390.03c) oltre l-imghax legali mis-26 ta' Lulju 2003 sad-data tal-effettiv pagament u tal-konvenuti konjugi Busuttil flimkien u in solidum ihallsu minn dan l-ammont is-somma ta' hmistax-il elf lira Maltin (Lm15,000) (ekwivalenti ghal €34,940.60c) flimkien mal-imghax dovut mill-10 ta' Frar 2002 liema ammont kien rapprezentanti self moghti lilhom in konnessjoni max-xiri tal-negozju de quo;

4. Illi wara diversi tentattivi min-naha tar-rikorrenti sabiex huma jithallsu dak li kien bi dritt taghhom skont is-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata sittax (16) ta' Frar 2004 huma ppruvaw jenforzaw permezz ta' mandat ta' inibizzjoni bin-numru 2618/00 u eventwali subbasta bin-numru 35/04, l-atti ta' liema mandat u subbasta huma hawn annessi u mmarkati "Dok IB3" liema subbasta eventwalment ma sehhitx minhabba illi l-intimata ghan-nom tas-socjeta Kashmiri Palace Limited intavolat mandat ta' sekwestu kawtelatorju bin-numru 1188/2004 fl-ismijiet "Kashmiri Palace Limited vs Ian u Jacqueline Busuttil", liema mandat huwa hawn anness u mmarkat "IB4" u hi stess innotifikat lill-imsemmija Carmen Taliana bhala sekwestratarja u hi stess iddepozitat taht l-awtorita ta' dina l-Onorabbli Qorti s-somma ta' sbatax-il elf tlett mija u wiehed liri Maltin u sitt centezmu (Lm17,301.06c) (ekwivalenti ghal €40,300.63c) sabiex dana l-ammont jigi zbankat minn min ghandu dritt skond il-ligi u b'hekk ezonerat ruhha mil-hlas tal-ammont hekk kif kien qed jigi miltub mir-rikorrenti;

5. Illi b'rikors tal-25 ta' Novembru 2004 HSBC Bank Malta p.l.c, a bazi tas-sentenza moghtija a favur taghha talab li jizbanka l-imsemmija somma sbatax-il elf tlett mija u wiehed liri Maltin u sitt centezmu (Lm17,301.06c) (ekwivalenti ghal €40,300.63c) sabiex jigi sodisfatt parzjalment il-kreditu kanonizzat fuq imsemmi dovut mill-konjugi Busuttil ghall-liema zbank il-konjugi Busuttil ma kellhom l-ebda oggezzjoni;

6. Illi ghal din it-talba pero saret opposizzjoni frivola u vessatorja mill-initmata Carmen Taliana minhabba pretensjoni li hija qalet li kellha minhabba kawza li kienet infethet fl-ismijiet "Kashmiri Palace Limited vs Ian Busuttil et", l-att ta' citazzjoni ta' liema kawza qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "IB5” u li ghadha pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili per Imhallef Raymond C. Pace, u ghalhekk kien mehtieg li jinfetah konkors ta' kredituri tal-konjugi Ian u Jacqueline Busuttil minhabba dina l-opposizzjoni;

7. Illi bhala konsegwenza kellu jsir konkors tal-kredituri mill-Bank HSBC kontra r-rikorrenti u permezz ta' sentenza datata 15 ta' Dicembru 2010 moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, liema sentenza hija hawn annessa u mmarkata Dok. "IB6" il-Qorti iddikjarat illi l-kreditu pretiz mill-Bank HSBC jippregradwa qabel l-ohrajn u awtorizzat il-Bank tizbanka l-ammont depozitat permezz tac-cedola 767/04 bl-ispejjez kontra l-istess Carmen Taliana;

8. Illi jidher illi l-Bank ghamel l-zbank opportun pero huwa evidenti illi l-opposizzjoni frivola u vessatorja ta' Carmen Taliana sabiex il-Bank jizbanka dana l-ammont ikkawza danni lil istess rikorrenti konsistenti f'telf ta' imghax li idekkorra inutilment favur il-Bank;

9. Illi apparti dana l-imghax, l-intimata ghandha taghmel tajjeb u trodd lura kwalunkwe self jew overdraft flimkien ma' kwalunkwe imghax li ddekora u li gie moghti lir-rikorrenti mill-Bank HSBC gia Mid Med Bank u dana in konnessjoni ma' dana n-negozju u dana minhabba l-fatt illi gjaladarba l-kuntratti ta' bejgh tan-negozju gew rexissi kif ‘l fuq spjegat, l-istess self li sar lir-rikorrenti sar per se dannu ghal konjugi Busuttil, liema dannu ghandha certament taghmel tajjeb ghalih l-intimtata;

10. Illi in oltre minhabba l-agir abbusiv u illegali tal-intimata (inkluz frodi civili minn-naha ta' Carmen Taliana) hekk kif ikkonfermat fis-sentenzi su-citati, ir-rikorrenti, sofrew ukoll danni konsistenti, inter alia, f'telf ta' salarji 'national insurance', stock, spejjez ta' natura legali u gudizzjarji nkorsi minnhom;

11. Illi nonostante li l-intimata giet interpellata halli tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni a favur ir-rikorrenti u dana a kawza tal-agir abbusiv taghha suindikat, u dana hekk kif jirrizulta mill-ittra ufficjali bin-numru 1053/09 liema ittra hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "IB7" hi baqghet inadempjenti;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti konjugi Busuttil umilment jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati, joghgobha;

1. Tordna sabiex jigu allegati s-segwenti atti processwali u dawna jigu meqjusa bhala prova f'dina l-kawza u cioe (1) Appell Civili Numru 1601/2000/1 fl-ismijiet "Ian Busuttil et vs. Carmen Taliana" deciz fil-sittax (16) ta' Frar 2004 (2) Citazzjoni Numru 1369/2003 fl-ismijiet "HSBC Bank Malta p.l.c vs Kashmiri Palace et" deciz fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar 2004 (3) Rikors Numru 973/07/FS fl-ismijiet "Ian Busuttil et vs X" deciz fil-hmistax (15) ta' Dicembru 2010;

2. Tiddikjara illi minhabba l-agir taghha suindikat l-intimata irrendiet u hija responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti hekk kif hawn fuq spjegat;

3. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti u dana anke jekk tinhass il-htiega permezz tal-hatra ta' perit jew periti nominandi;

4. Tordna lill-intimata thallas lir-rikorrenti s-somma hekk kif illikwidata ai fini tat-tielet talba.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju u Mandat ta' Inibizzjoni mressqa kontestwalment mal-kawza odjerna li jgibu n-numri /11 u /11 u l-ittra ufficjali bin-numru 1053/09 bl-imghax skont il-ligi u l-intimata minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuta li tghid hekk:

L-ECCEZZJONIJIET

1. Illi l-ewwel talba tar-rikorrenti hija irrita u nulla u ma setghet qatt tifforma parti mit-talbiet li ghandhom jigu decizi fis-sentenza finali;

2. Illi fir-rigward tad-danni reklamati t-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti bid-dekors ta' sentejn a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, jew/u bid-dekors ta' hames snin a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili;

3. Illi fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti u dana peress illi hija ma kinitx responsabbli ghad-danni li setghaw sofrew ir-rikorrenti;

4. Illi l-azzjoni tar-rikorrenti mehuda issa minnhom hija biss frivola u vessatorja ghax huma gia thallsu s-somma ta' Lm12,000 (ekwivalenti ghal EUR27,952.48) oltre l-imghaxijiet u bl-

ispejjez li kienu gew kanonizzati favur taghhom in forza ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-istess ismijiet premessi moghtija fis-16 ta' Frar 2004;

5. Illi ghal kuntrarju huma r-rikorrenti li rrekaw danni lejn l-esponenti u dana peress illi b'konsegwenza tas-sentenza msemmija moghtija fis-16 ta' Frar 2004 huma kellhom iqieghdu lill-esponenti "in statu quo ante" u ghalhekk kellhom jirritornawlha l-merkanzija li ghaddietilhom jew ihallsuha prezzha fl-ammont ta' dsatax-il elf lira Maltija (Lm19,000). (ekwivatenti ghal EUR44,258.09);

6. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuta li tghid hekk:

Li biha qed teccepixxi ulterjorment il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici ai termini tal-artikolu 2154(1) tal-Kodici Civili, il-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti, in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet, u semghet lid -difensuri;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din il-kawza hi konsegwenza ta’ diversi vicendi gudizjarji bejn il-partijiet soggetti ghal diversi sentenzi tal-Qrati taghna. Il-vertenza odjerna hi kawza ghad-danni allegatament sofferti mill-atturi minhabba l-agir illegali u abusiv konsistenti f’qerq tal-konvenuta li ta lok ghad-danni sofferti mill-atturi.

Fil-qosor il-konvenuta kienet azzjonista assoluta tas-socjeta Kashmiri Palace Limited li kienet topera u tiggestixxi hanut tal-hwejjeg f’tas-Sliema. Fis-27 ta’ April 1999 sar kuntratt pubbliku fejn il-konvenuta ittrasferiet l-ishma tas-socjeta lil atturi verso l-prezz ta’ Lm19,000 u l-atturi ikkostitwew ruhhom debituri ghal dak l-ammont. L-atturi fil-prattika kienu ilhom de facto

jiggestixxu l-hanut f'tas-Sliema minn Novembru tal-1998. Flimkien ma dan il-kuntratt gie iffirmat kuntratt iehor fejn l-atturi ikkostitwew ruhhom debituri tal-konvenuta fis-somma ta' Lm12,700 self brevi mano li minnhom l-atturi hallsu Lm12,000. L-atturi skoprew ftit wara cioe f'xi zmien fl-1999 illi l-fond li minnu kien gestit in-negozju kien soggett ghal kawza ta' zgumbrament sa mill-1987 li dwaru l-konvenuta kienet taf u ma qaltilhom xejn. Fil-fatt giet istitwita kawza mill-atturi ghar-rexissjoni taz-zewg kuntratti fis-sena 2000 li giet deciza finalment fis-16 ta' Frar 2004, u fejn il-Qorti laqghet it-talba tal-atturi ghar-rexissjoni tal-kuntratti u l-hlas lura tat-Lm12,000 imhallsa lil konvenuta (ara fol. 15 tal-process).

Sadattant pero l-atturi kienu dahlu garanti solidali ghad-debiti tas-socjeta Kashmiri Palace Limited b'kuntratt tad-19 ta' Novembru 1998 sal-ammont ta' Lm15,000 (ara fol. 216 tal-process) u dan wara li fis-sena 1992 il-bank kien ikkonceda overdraft facility lill-istess socjeta tal-ammont ta' Lm10,000 (ara fol. 210 tal-process). Is-socjeta Kashmiri naqset li thallas id-debitu li sal-25 ta' Lulju 2003 kien fl-ammont ta' Lm16,910.14 inkluz l-imghax u wara kawza li saret mill-bank HSBC kontra s-socjeta Kashmiri u l-atturi li ammettew it-talbiet attrici, il-bank ha sentenza favur tieghu fit-23 ta' Frar 2004 (fol. 221 tal-process).

L-atturi jsostnu wkoll mill-provi prodotti minnhom senjalament l-affidavits taghhom a fol. 245, 792 u 802 tal-process illi huma qatt ma inghataw l-audited accounts tal-kumpanija u l-accountant tal-konvenuta kien qalilhom li kien hemm telf ta' M6,000 fl-1998 meta huma kienu ilhom biss xahar fil-hanut. Meta staqsewh ghal balance sheet din ma inghatatx. In oltre l-atturi sostnew li qatt ma sar stock take ghalkemm l-istess accountant iddikjara li kien hemm stock b'valur ta' Lm19,000 li irduppjah ghal Lm38,000 fuq l-insistenza tal-konvenuta. B'zieda ma' dan xi ghaxar xhur wara li bdew joperaw fil-hanut indunaw li debituri tal-hanut meta huma akkwistaw l-istess hanut kienu qed ihallsu direttament lil Carmen Taliana flok lil kumpanija li kienet il-kreditrici. In oltre f'Ottubru 1999 l-atturi marru l-Italja biex jordnaw stock gdid u hallssuh immedjatament. Marru wkoll ghand rapprezentant iehor tal-hwejjeg u kienu dubbjuzi jordnawx minn ghandu pero gew infurmati li l-ordni kienet gia saret mill-konvenuta sena qabel u l-merci kellha tinxtara. Meta gew lura Malta u bdew jikkuntattjaw lil klijenti antiki li kienet tathom il-konvenuta irrealizzaw li dawn il-klijenti kienu intilfu kemm ghax l-atturi riduhom jixhdu fil-kawza li fethu lil konvenuta rigward il-hlasijiet li kienu qed isiru lilha minn debituri tal-kumpanija u kemm ghax il-konvenuta kienet qed tghid affarijiet mhux veritiera dwarhom.

Huma ziedu illi hadu self fid-19 ta’ Novembru 1998 ta’ Lm5,000 mill-HSBC biex ihallsu lil konvenuta bhala parti mill-hlas ta’ Lm12,000 qabel iffirmaw il-ftehim tal-1999 pero meta bdew jiggestixxu fattwalment il-hanut huma kellhom ihallsu lura lil bank meta inqala’ l-inkwiet billi jcedu kontijiet bankarji f’isimhom minhabba dak li sehh ma’ Carmen Taliana (ara fol. 794 tal-process).

Rigward il-qliegh l-atturi jsostnu illi qabel hadu l-kumpanija kienu jahdmu full time ma’ terzi u l-attur baqa’ jahdem sal-2001 meta sar redundant. Martu wkoll kienet tahdem full time u waqfet biex tahdem full time fil-hanut, minn fejn qatt ma hadet xejn mis-sena 2000 sal-2003.

Huma ziedu li baqghu jzommu l-hanut miftuh sporadikament sal-izgumbrament mill-Qorti fil-kawza li saret kontra l-kumpanija (ara sentenza Alex Vella noe vs Kashmiri Palace Limited, 6 ta’ Dicembru 2002 fol. 585 tal-process). Huma iddepozitaw ic-cwievet fil-Qorti. Dan jirrizulta mill-atti pero tali depozitu sar fl-2006. Il-merkanzija inbieghet bi prezzijiet irhas hafna billi l-istock sar wiehed qadim.

Huma jzidu illi l-konvenuta fl-2004 wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza li irrexxindiet il-kuntratti bejn il-kontendenti iddepozitat is-sorte u l-ispejjez wara li sar mandat ezekuttiv kontriha mill-atturi in forza tas-sentenza tal-2004 (fol. 224 tal-process). F’Novembru tal-istess sena l-HSBC (fol. 225 tal-process) talab li jizbanka din is-somma bhala kreditur tal-atturi in forza tas-sentenza li kellha dwar id-debitu mal-bank li giet deciza fl-2003. Ghalkemm l-atturi ma sabu ebda oggezzjoni u lanqas il-konvenuta ma sabet ebda oggezzjoni pero fl-istess waqt sostniet li s-socjeta Kashmiri kellha pretensjoni ghax kienet fethet kawza ghad-danni dwar l-operat tal-atturi fil-kumpanija fiz-zmien li kienu jiggestuha u ghalhekk ghamlet sekwestru fuq l-ammont f’isem l-istess socjeta. Wara li infetah konkors tal-kredituri, il-Qorti fil-15 ta’ Dicembru 2010 (fol. 713 tal-process) iddecidiet li l-kreditu tal-bank kellu pregradwazzjoni u seta’ jizbanka hu s-somma depozitata u illi l-pretensjoni ta’ Carmen Taljana kienet infondata. L-atturi jikkontendu illi dan id-dewmien bla raguni inkorra lil atturi f’aktar spejjez u imghaxijiet inutili fuq dak dovut minnhom lil bank li kien ser jithallas mid-depozitu effettwat mill-konvenuta.

Bla dubju gie stabbilit, anki minghajr ma thares lejn ebda xiehda izda biss lejn is-sentenzi u digrieti imsemmija bejn il-partijiet flimkien ma' dawk konnessi mal-bank illi l-konvenuta kienet giet kundannata tirrifondi kull somma mehuda minnha naxxenti mill-ftehim bejn il-partijiet formalizzat mill-konvenuta fil-konfront tal-atturi. Mhux hekk biss izda l-Qorti wkoll iddikjarat li s-sekwestru li ghamlet il-konvenuta f'isem Kahmiri Palace Limited biex izzomm lil atturi milli jiehdu f'idejhom il-flus depozitati u jithallas il-bank ukoll kien bla ebda bazi. Dan ma jhalli ebda dubbju ghal dikjarazzjoni li kull min jaghmel hsara bl-agir tieghu hu responsabli ghal konsegwenzi ta' dak l-agir inkluz f'dan il-kaz ir-risarciment ta' danni sofferti mill-atturi.

Ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugh ghax sostnuta minn decizjonijiet recensuri bejn il-partijiet in mertu ghal vertenza odjerna.

Ghall-kompletezza jinghad li fil-11 ta' Lulju 2014 il-Qorti cahdet it-talba ta' danni maghmula min Kashmiri Palace Limited kontra l-atturi billi l-konvenutaipprezentat il-kawza f'isem il-kumpanija u ma kellha ebda rappreżentanza tal-istess socjeta biex tistitwixxi l-kawza (ara fol. 1357 tal-process).

**Natura tat-talba attrici**

Il-kawza attrici ghad-danni tinsorgi principalment mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tal-2004 li iddikjarat illi l-konvenuta kienet qarqet bl-atturi meta ghamlet il-kuntratti tal-1999 u naqas fiha l-element tal-buona fede necessarju fil-kontrattazzjonijiet bejn il-partijiet. Id-danni kollha allegatament sofferti mill-atturi jinsorgu u jsibu l-kristallazzjoni taghhom minn din id-dikjarazzjoni finali tal-Qorti li permezz taghha gie stabbilit id-dritt taghhom ghad-danni liema danni ipperduraw bl-azzjonijiet u ghemil kollu tal-konvenut akomprizi fil-partiti ta' danni elenkati mill-atturi aktar il-quddiem f'din is-sentenza.

**Eccezzjoni tal-preskrizzjoni**

Il-konvenuti qed jecepixxu zewg tipi ta' preskrizzjoni kontra l-pretensjoni attrici cioe dik tal-artikolu 2153 u dik tal-2156(f) tal-Kap. 16.

Il-gurisprudenza tiddistingwi bejn tlett kazijiet ta' danni:

1. Dawk li jigu minn reati veri u proprji ossia minn fatti punibbli kriminalment f'liema kaz il-preskrizzjoni civili hi dik tal-azzjoni kriminali, art. 2154 Kap. 16;

2. Dawk li jigu minn fatti li ma humiex reati imma ma humiex lanqas inadempjenza kontrattwali, cioe dawk derivanti minn kolpa akwiljana, f'liema kaz il-preskrizzjoni hi ta' sentejn, art. 2153 Kap. 16;

3. Dawk li jidderivaw minn inadempjanza kontrattwali, f'liema kaz hi applikabbli l-preskrizzjoni tal-istess obbligazzjoni.

Ara f'dan is-sens **Joseph Zammit vs Joseph Bonello et**, PA 08/10/2004.

F'dan il-kaz hi l-fehma tal-Qorti illi l-azzjoni attrici ghad-danni hi l-konsegwenza tal-qerq perpetrat mill-konvenuta fil-konfront taghhom biex induciethom jersqu ghal kuntratti rexissi. Mhux hekk biss izda l-agir tal-konvenuta kien jikkostitwixxi reat kriminali li tieghu instabet hatja b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-12 ta' Gunju 2013 esebita in atti a fol. 1378 tal-process). Kwindi l-preskrizzjoni applikabbli ghal kawza ghad-danni naxxenti minn fatti passabbli kriminalment hi dik tal-azzjoni kriminali skond l-artikolu 2154 tal-Kap. 16.

Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni invokata mill-konvenuta cioe din taht l-artikolu 2153 u 2156(f) tal-Kap. 16 mhix applikabbli ghal kaz u qed jigu michuda.

**Eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni**

Ghalkemm il-konvenuta tecepixxi l-preskrizzjoni taht l-artikolu 2154(2) fil-fatt is-subartikolu invokat hu dak zbaljat peress illi dak li hu ovvju li kellu jigi invokat hu s-subartikolu (1) tal-

istess artikolu. Fil fatt f'nota ta' eccezzjonijiet korrettorja gie eccepit il-preskrizzjoni a bazi tal-artikolu 2154(1). Dan l-artikolu jghid hekk:

(1) Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni civili ghall-hlas tal-hsarat ikkagunati b'reat, ghandhom jitharsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, ghall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali.

Din il-Qorti tirreleva illi kemm is-sentenza civili bejn il-kontendenti tas-16 ta' Frar 2004 u kemm is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-12 ta' Gunju 2013 stabbilew bla dubju illi l-kuntrattazzjoni originali maghmula bejn il-partijiet kienet il-frott ta' qerq punibbli bhala reat u kwindi gustament japplika dak li jghid l-artikolu 2154. Pero l-istess artikolu jaghmel eccezzjoni ghall-invokazzjoni tal-preskrizzjoni taht dak l-artikolu u jghid li fejn ir-reat hu dak ta' serq jew frodi, ebda preskrizzjoni ma tista tibda tghaddi. L-artikolu 2154(2) fil-fatt ighid hekk:

(2) Izda, kull min jisraq haga, jew isir pussessur taghha bil-mezz ta' reat ta' frodi, jew xjentement jircievi jew jixtri dik il-haġa, meta jaf li kienet misruqa jew akkwistata bi frodi, ma jista' jippreskriviha qatt, ighaddi kemm ighaddi zmien.

Blda dubju l-kontrattazzjoni li waslet ghad-danni allegatament subiti mill-atturi kien il-frott tal-qerq tal-konvenuta meta hi akkwistat somma flus ghal bejgh ta' negozju b'mod frawdolenti u b'hekk saret possessur tal-oggett miksub b'mod frawdolenti. L-artikolu 524(1) tal-Kap. 16 fil fatt- jiddefinixxi l-pussess hekk:

(1) Il-pussess huwa d-detenzjoni ta' haga korporali jew it-tgawdija ta' jedd, li taghhom tista' tinkiseb il-proprjeta, u li wiehed izomm jew jezercitah bhala tieghu nnifsu.

Dan hu precizament il-kaz f'din il-vertenza. Il-fatt li l-konvenuta iddepozitat is-somma ricevuta wara s-sentenza tal-2004 ma jfissirx b'daqshekk li hi ezonerat ruhha mill-konsegwenzi tad-danni subiti in forza ta' dan l-agir illegali punibbli bhala reat, liema danni huma allegatament direttament konnessi u konsegwenzjali ghall-agir tal-konvenuta. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a bazi tal-artikolu 2154(1) mhix applikabbli ghax japplika l-eccezzjoni taht l-artikolu 2154(2) tal-Kap. 16 (ara f'dan is-sens **Arthur E. Buckley noe vs Vincenzo Cauchi noe**, Vol. XXIV P II p 575).

**Mertu**

L-atturi qed jirriklamaw danni specifici naxxenti mill-azzjoni frawdolenti tal-atturi fil-konfront taghhom li ser jigu kunsidrati wahda wahda. Dawn id-danni mhumiex il-konsegwenza ta' nuqqas ta' adempiment ta' obbligazzjoni izda konsegwenza ta' fatt illecitu li gie kommess mill-konvenuta fil-konfront taghhom.

Skond l-artikolu 1209 f'kaz ta' rexissjoni ta' ftehim, il-partijiet ghandhom jergghu jitqeghdu fil-qaghda li kienu qabel ir-rexxisjoni. Dan l-artikolu ghandu jigi abbinat ukoll mal-artikolu 1045 li jipprovdi li d-dannu li ghandu jaghmel tajjeb ghalih min jikkaguna d-dannu hu t-tel attwali, l-ispejjez u telf ta' qliegh.

L-attur artikola d-danni kif gej riportati a fol. 792 tal-process:

A. Balance of the overdraft which was taken by Kashmiri Palace Limited and guaranteed by my wife and myself from HSBC as shown in latest correspondence sent to us and marked as doc "IB2" and this following the Bank's withdrawal of the funds deposited by Taliana in Court which were credited towards the same loan:

Capital: €22,692.45

Interest till 01.02.2013: €751.37 (together with any further interest)

Legal fees: €6,402.95

B. Amount of €11,646.87c (Lm5,000) which was borrowed by us and paid back in full by us as I mentioned in point 10 of my first affidavit and which amount was included in the amount we initially won from Carmen Taliana and which then was eventually credited towards the overdraft after several years of procrastination caused by Carmen Taliana;

C. Amount of €3,606.78c (Lm1,548.39) representing the expenses of the case we had won in appeal (16th February 2004) and which were deposited in court by Carmen Taliana and then credited towards the overdraft (Doc AC4) after several years of procrastination caused by Carmen Taliana.

D. Amount €285.74c (Lm122.67c) representing the fee of the judicial sale by auction we initiated against Carmen Taliana (Doc AC4) and which were deposited in court by Carmen Taliana and then credited towards the overdraft (Doc AC4) after several years of procrastination caused by Carmen Taliana;

The amounts shown in points B, C and D are amounts which ultimately went towards partial payment of the overdraft due to HSBC however, such monies were not ones which derived from the said overdraft (whilst the remaining balance was actually due to the bank as mainly theses were monies taken from the overdraft). Therefore in the light of the fact that we are holding Carmen Taliana responsible for the whole overdraft taken by us we are presently claiming the current balance of the overdraft (after withdrawal of funds form court by HSBC) as shown in Point A, together with amounts shown in B, C and D which were amounts owed to us but still went as payment towards the overdraft;

E. The amount of €1,963.10c (Lm842.76) representing the Architects fee for the valuation of the property belonging to Carmen Taliana and which were not deposited in court by Carmen Taliana when depositing the amount of Lm17,301.06 via schedule of deposit dated 16.8.04 (Doc AC4);

F. €23,647.25c representing wages (calculated on minimum wage) leave, bonuses and National Insurance owed to my wife who worked full-time in the indicated periods – (less the few wages she took sporadically;

G. €541.18c representing arrears of trade licences for period in which we managed the shop;

Total Amount: €71,537.69c (together with any further interest on the capital owed to the bank)

Item A

L-atturi qed jikkontendu illi wara li l-bank thallas in parti tal-overdraft mill-flus depozitati mill-konvenuta wara r-rexissjoni tal-ftehim u l-ordni tal-Qorti li l-konvenuta tirrimborsa s-somma imhallsa lilha ta' Lm12,000 u li damu ma gew zbankati ghal sitt snin (bejn id-depozitu li sar fl-2004 mill-konvenuta u sekwestrati minnha stess sad-data li l-Qorti qalet li l-ammont depozitat seta' jittiehed mill-bank fl-2010) tali dewmien dahhal lil atturi fl-ispejjez zejda ta' imghax dekors f'dak il-perjodu fuq is-somma dovuta lil bank u l-ispejjez legali dovuti lil bank.

Bla dubju, li kieku l-konvenuta halliet il-bank jithallas is-somma lilu dovuta bl-ispejjez u imghax fl-2004, l-atturi ma kienx jinkorru d-danni zejda fil-perjodu li l-kwistjoni kienet ghadha sospiza sal-eventwali zbank mill-bank. Dan id-dannu hu l-effett dirett tal-azzjoni tal-konvenuta li zammet bla ebda jedd, li jigi zbabnkat id-depozitu mill-atturi biex ihallsu lil bank u hemm ness dirett bejn il-kawza u dannu soffert mill-atturi. L-atturi jsostnu illi l-hlasijiet li saru lil konvenuta cioe dawk kanonizzati bis-sentenza tal-2004 fl-ammont Lm12,000 saru mill-overdraft u in parti minn self maghmul minnhom ta' Lm5,000 mill-istess bank. Il-Qorti hi propensa taqbel mal-atturi illi d-differenza dovuta lil bank wara li l-bank zbanka s-somma depozitata ghandha tigi imhallsa mill-konvenuta inkuz l-ispejjez legali tal-bank u l-imghax li sal-1 ta' Frar 2013 kienu jammontaw ghal €29,846.77 oltre l-imghax ulterjuri mill-1 ta' Frar 2013 sal-pagament effettiv.

Il-konvenuta ma gabet ebda prova jew argument kontra dawn il-fatti u l-kontijiet tal-overdraft u t-telf huma xiehda tal-isborsamenti.

Item B

Il-Qorti taqbel mal-atturi illi l-konvenuta ghandha thallas tas-self ta' Lm5,000 ottenut mill-bank mill-atturi biex jithallsu parti mit-Lm12,000 lil konvenuta. Jidher mill-atti illi meta l-atturi hadu f'idejhom il-kumpanija fl-1998 l-overdraft kien ta' Lm4,604 circa (ara data tal-overdraft Dok. HSBC 1) li fil-parti tal-ammont indikat igib id-data 19 ta' Novembru 1998. L-atturi jixhdu u mhux kontradetti ili l-overdraft zdied billi kienu hallsu parti mis-somma ta' Lm12,000 mill-istess overdraft u l-bqija b'self dirett ta' Lm5,000 (€11,466.87) mill-bank.

Kwindi l-konvenuta trid ukoll tirrifondi din is-somma ossia €11,646.87 ghax il-bank akkreditah ghal dak dovut lilu mill-overdraft meta zbanka.

Item C

L-istess jinghad ghall ispejjez gudizjarji fil-kawza li l-atturi rebhu kontra l-konvenuta fis-16 ta' Frar 2004 u li ghalkemm gew depozitati mill-konvenuta gew akkreditati ghal hlas lil bank fuq l-overdraft.

Kwindi din it-taxxa ammontanti ghal Lm1,548.39 ossia €3,606.78 ghadha dovuta.

Item D

L-istess argument precedenti japplika ghar-rimbors tal-ispejjez tas-subbasta maghmula mill-atturi biex jigbru dak dovut lilhom bis-sentenza tas-16 ta' Frar 2004 akkreditati lil bank meta zbanka, ammontanti ghal Lm122.67 ossia €285.74.

Item E

Dan l-ammont li jirraprezenta d-dritt tal-perit tekniku ghall istima tal-proprjeta tal-konvenuta fis-subbasta hu wkoll dovut lil atturi peress illi l-konvenuta ma hallsitux u ma gabitx prova kuntrarja. Dan jammonta ghal Lm842.76 ossia €1,963.10.

Item F

L-atturi qed jitolbu somma flus li huma ekwivalenti ghal perjodu ta' impjieg u telf ta' national insurance, leave u bonuses dovuti lil mart l-attur ghal perjodu ta' bejn is-sena 2000 sal-bidu tal-2003 ghax hi kienet hallset l-impjieg full time li kellha biex tahdem fil-hanut u fejn ma hadet ebda paga. Fil-bidu tal-2003 circa Marzu, wara li inqaghtet is-sentenza in Prim Istanza fil-kawza tar-rexizzjoni hi bdiet tahdem full time ma' terzi u fl-2004 wara s-sentenza tal-appell inghalaq il-hanut. Dan it-telf ossia dannu qed jigi kalkolat fis-somma ta' €23,674.25.

Il-Qorti tqis din it-talba ingustifikata peress illi l-attrici kellha gia stock f'idejha li kien thalla fil-hanut meta sar il-ftehim mal-konvenuta. In oltre l-istess attrici xtrat stock gdid u ghalhekk kienet l-ghazla taghha toqghod fil-hanut full time u mill-introjtu tal-hanut ikollha l-qliegh. Il-fatt li waqfet tahdem ma' terzi ma hix htija tal-konvenuta u lanqas jista' jigi attribwit htija tal-konvenuta li n-negozju tal-hwejjeg gestit mill-attrici ma irnexxiex.

L-attrici issostni illi l-konvenuta gerxet il-klijentela tal-hanut. Pero din l-allegazzjoni, apparti li mhix pruvata minn provi konkreti ma fixklitx lil atturi milli joperaw in-negozju b'mod liberu

f’suq hieles. Il-fatt li l-attrici kienet kontinwament fil-hanut ghin biex jitnaqqsu l-ispejjez tal-atturi fil-gestjoni tal-hanut. Del resto il-qliegh minnu kien jispetta lilhom biss. Jekk ma kienux fortunati fil-gestjoni tal-hanut ma jfissirx li ghandha tahti ghalih il-konvenuta. Avolja kien hemm il-kawza tal-hanut ghaddejja, ma jidhirx li l-hanut kien maghluq almenu sal-2004 meta inqatghet il-kawza bejn il-kontendenti. Fil-fatt ic-cavetta tal-hanut giet depozitata mill-atturi fl-24 ta’ Lulju 2006 (fol. 1167 tal-process). Il-perjodu li fih l-atturi qed jirreklamaw risarciment ghal nuqqas ta’ qliegh tal-attrici minn impjieg ma’ terzi kien precizament il-perjodu fejn l-istock mixtri mill-atturi fl-1999 u 2000 suppost kien inbiegh jew qed jinbiegh u sar il-qliegh. Il-fatt li ma sarx qliegh kif allegat ma jistax jigi attribwit lil konvenuta bla prova cara u konkreta ta’ kawza u effett. Lanqas jistghu l-atturi jibbenefikaw ulterjorment u eccessivament oltre dak ragonevoli.

Ghalhekk din it-talba ghandha tigi michuda.

Item 6

L-atturi qed jitolbu rimbors ta’ trade licence ghal perjodu li kienu fil-hanut. Hu minnu li l-ftehim bejn il-partijiet gie rexiss pero t-trade licence kien marbut mal-gestjoni tal-hanut li kienet speiza necessarja ghall-atturi biex ibieghu l-istock li kellhom fil-perjodu li kienu jgawdu l-permessi tal-hanut.

Ghalhekk din l-ispiza ghandhom ibatuha l-atturi.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti tichad l-eccezzjonijiet ta’ preskrizzjoni imressqa mill-konvenuta a bazi tal-artikoli 2153, 2156(f) u 2154(1) tal-Kap. 16; tichad l-eccezzjonijiet fil-mertu; u tilqa’ t-talbiet attrici; tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta’ €47,349.26 oltre l-imghax ulterjuri fuq il-bilanc dovut lil HSBC Bank Malta p.l.c. mill-1 ta’ Frar 2013 sal-pagament effettiv, u bl-imghax fuq il-bilanc rimanenti dovuti lil atturi mad-data tas-sentenza.

Spejjez ghall-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------